I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar ir-rapport ta' Evalwazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew rigward id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data (Direttiva 2006/24/KE)

(2011/C 279/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]),

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika ([2]),

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA

### I. **INTRODUZZJONI**

### I.1. **Pubblikazzjoni tar-rapport**

1. Fit-18 ta' April 2011, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport ta' evalwazzjoni tagħha rigward id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data (minn hawn 'il quddiem: "ir-rapport ta' Evalwazzjoni") ([4]). Ir-rapport ta' Evalwazzjoni ntbagħat bħala informazzjoni lill-EDPS fl-istess jum. Għar-raġunijiet stabbiliti fil-Parti I.2 hawn taħt, l-EDPS qed jippubblika din l-opinjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess, skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

2. Qabel ma ġiet adottata l-Komunikazzjoni, l-EDPS ingħata l-possibbiltà li jipprovdi kummenti informali. L-EDPS bi pjaċir jinnota li ħafna minn dawn il-kummenti ġew ikkunsidrati mill-Kummisjoni meta din kienet qed tabbozza l-verżjoni finali tad-dokument.

3. Il-Kummissjoni ppreparat ir-rapport ta' Evalwazzjoni biex tissodisfa l-obbligu tagħha previst fl-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data sabiex tevalwa l-applikazzjoni tad-Direttiva u l-impatt tagħha fuq l-operaturi ekonomiċi u l-konsumaturi, bil-għan li jiġi stabbilit jekk hemmx bżonn li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ([5]). L-EDPS bi pjaċir jinnota li, għalkemm mhux strettament meħtieġ bl-Artikolu 14, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll fir-rapport "l-implikazzjonijiet tad-Direttiva għad-drittijiet fundamentali, minħabba l-kritika li saret b'mod ġenerali dwar iż-żamma tad-dejta" ([6]).

### I.2. **Raġunijiet għal u l-għan ta' din l-opinjoni tal-EDPS**

4. Id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data kienet tikkostitwixxi reazzjoni tal-UE għall-isfidi urġenti ta' sikurezza, wara l-attakki terroristiċi qawwija li saru f'Madrid fl-2004 u f'Londra fl-2005. Minkejja l-għan leġittimu li tkun stabbilita skema ta' żamma tad-dejta, il-kritika li saret kienet tikkonċerna l-impatt kbir li l-miżura kellha fuq il-privatezza taċ-ċittadini.

5. L-obbligu taż-żamma tad-dejta skont id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jintraċċaw sa perjodu ta' sentejn l-imġiba taċ-ċittadini kollha fl-UE kull meta dawn jagħmlu użu mit-telefon jew l-internet.

---

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37 kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009, ĠU L 337, 18.12.2009, p. 11.
([3]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([4]) COM(2011) 225 finali.
([5]) Id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data (Direttiva 2006/24/KE) kienet adottata fil-15 ta' Marzu 2006 u ppubblikata fil-ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54. Id-data tal-għeluq għall-pubblikazzjoni tar-rapport kienet stabbilita għall-15 ta' Settembru 2010, ara l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta.
([6]) Ara p. 1 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

6. Iż-żamma tad-dejta tat-telekomunikazzjonijiet manifestament tikkostitwixxi interferenza għad-dritt tal-privatezza tal-persuni kkonċernati kif stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn hawn 'il quddiem: l-"ECHR") u l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

7. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn hawn 'il quddiem: l-"ECtHR") iddikjarat kemm-il darba li "l-ħażna tad-dejta biss li tikkonċerna l-ħajja privata ta' persuna tammonta għal interferenza skont it-tifsira tal-Artikolu 8 [ECHR]" (7). Rigward id-dejta telefonika b'mod partikolari, l-ECtHR iddikjarat li "r-rilaxx ta' dik l-informazzjoni lill-pulizija mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-abbonat ukoll jammonta […] għal interferenza ma' dritt garantit bl-Artikolu 8 [ECHR]" (8).

8. Mill-Artikolu 8(2) ECHR u mill-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE wieħed jiddeduċi li interferenza tista' tkun iġġustifikata jekk din tkun prevista bil-liġi, tkun isservi bħala għan leġittimu u tkun meħtieġa f'soċjetà demokratika sabiex jinkiseb dak l-għan leġittimu.

9. L-EDPS irrikonoxxa li d-disponibbiltà ta' ċerta dejta dwar it-traffiku u dwar il-lok tista' tkun kruċjali għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda tagħhom kontra t-terroriżmu u kriminalità serja oħra. Madankollu, fl-istess waqt, l-EDPS esprima kemm-il darba d-dubji dwar il-ġustifikazzjoni biex tinżamm id-dejta f'dik l-iskala fil-kuntest tad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta (9). Dawn id-dubji kienu kondiviżi minn ħafna organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (10).

10. L-EDPS ilu jsegwi mill-qrib il-ħolqien, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-Direttiva mill-2005 b'modi differenti. L-EDPS ippubblika opinjoni kritika fl-2005, wara li l-Kummissjoni ppubblikat il-proposta tagħha għad-Direttiva (11). Wara l-adozzjoni tad-Direttiva, l-EDPS sar membru tal-Grupp Espert taż-Żamma tad-Dejta, imsemmi fil-Premessa 14 tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta (12). Barra minn hekk, l-EDPS jieħu sehem fix-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, li ppubblika diversi dokumenti dwar il-mertu tal-każ, bl-aktar wieħed reċenti minn Lulju 2010 jkun rapport dwar kif id-Direttiva ġiet applikata fil-prattika (13). Fl-aħħar nett, l-EDPS aġixxa bħala medjatur f'kawża quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li fih ġiet ikkontestata l-validità tad-Direttiva (14).

11. L-importanza tar-rapport ta' Evalwazzjoni u tal-proċess ta' evalwazzjoni ma tistax tiġi enfasizzata żżejjed (15). Id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta tikkostitwixxi eżempju prominenti ta' miżura tal-UE li għandha l-għan li tiżgura d-disponibbiltà tad-dejta ġġenerata u pproċessata fil-kuntest tal-komunikazzjonijiet elettroniċi għal attivitajiet ta' infurzar tal-liġi. Issa li l-miżura ilha fis-seħħ għal bosta snin, evalwazzjoni tal-applikazzjoni prattika tagħha għandha turi fil-fatt il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżura fil-kuntest tad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. F'dan ir-rigward l-EDPS sejjaħ l-evalwazzjoni bħala "il-mument tal-verità" għad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta (16).

12. Il-proċess ta' evalwazzjoni attwali għandu wkoll implikazzjonijiet għal strumenti oħra li jirregolaw il-ġestjoni tal-informazzjoni, inkluż l-ipproċessar ta' ammonti kbar ta' dejta personali, fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. F'Komunikazzjoni tal-2010, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni tad-diversi strumenti juru varjetà wiesgħa (17). L-EDPS jemmen li l-proċedura tal-evalwazzjoni attwali għandha tintuża sabiex jiġi stabbilit l-istandard għall-evalwazzjoni ta' strumenti oħra tal-UE u biex tiżgura li dawk il-miżuri biss li huma tabilħaqq iġġustifikati għandhom jibqgħu fis-seħħ.

13. F'dan l-isfond, l-EDPS jixtieq jikkondividi r-riflessjonijiet tiegħu dwar is-sejbiet ippreżentati fir-rapport ta' Evalwazzjoni f'opinjoni pubblika. Dan isir f'fażi bikrija tal-proċess sabiex jipprovdi kontribut effettiv u kostruttiv għad-diskussjonijiet li għad iridu jsiru, possibbilment fil-kuntest ta' proposta leġiżlattiva ġdida kif indikat il-Kummissjoni fir-rapport ta' Evalwazzjoni (18).

### I.3. **Struttura tal-opinjoni**

14. Din l-opinjoni għandha tanalizza u tiddiskuti l-kontenut tar-rapport ta' Evalwazzjoni mill-perspettiva tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. L-analiżi għandha tiffoka dwar jekk id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta li hemm fis-seħħ tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti b'dawn iż-żewġ drittijiet fundamentali. Dan jinkludi analiżi dwar jekk il-ħtieġa taż-żamma ta-dejta kif regolata fid-Direttiva ntwerietx biżżejjed.

15. Din l-opinjoni hija maqsuma kif ġej. Il-Parti II tippreżenta l-kontenut prinċipali tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta u r-relazzjoni tagħha mad-Direttiva 2002/58/KE dwar

(7) Ara f.i. ECHR l-4 ta' Diċembru 2008, *S. u Marper v. UK*, 30562/04 u 30566/04, para 67.

(8) Ara ECHR it-2 ta' Awwissu 1984, *Malone v. UK*, A-82, para 84.

(9) Ara l-opinjoni tal-EDPS tas-26 ta' Settembru 2005, ĠU C 298, 29.11.2005, p. 1. Matul konferenza organizzata mill-Kummissjoni f'Diċembru 2010, l-EDPS irrefera għall-istrument bħala "l-istrument li l-aktar jinvadi l-privatezza li qatt ġie adottat mill-UE f'termini ta' skala u n-numri ta' persuni li dan jaffettwa", ara d-Diskors tat-3 ta' Diċembru 2010, li huwa disponibbli permezz tal-websajt tal-EDPS (http://www.edps.europa.eu) taħt "Pubblikazzjonijiet" >> "Diskorsi & Artikoli" >> "2010".

(10) Ara f'dak ir-rigward l-ittra tat-22 ta' Ġunju 2010 minn grupp kbir ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lill-Kummissarji Malmström, Reding u Kroes (http://www.vorratsdatenspeicherung.de/images/DRletter_Malmstroem.pdf)

(11) Ara l-opinjoni tal-EDPS msemmija fin-nota 9 f'qiegħ il-paġna.

(12) Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Marzu 2008, ĠU L 111, 23.4.2008, p. 11.

(13) Ara WP 172 tat-13 ta' Lulju 2010, Rapport 1/2010 dwar it-tieni azzjoni ta' infurzar konġunt.

(14) Ara ECJ 10 ta' Frar 2009, *L-Irlanda v. Il-Parlament u l-Kunsill*, C-301/06. Ara wkoll dwar il-każ il-pt. 29 hawn taħt.

(15) Fl-opinjoni tiegħu tal-2005, l-EDPS kien enfasizza diġà l-importanza tal-obbligu li jiġi vvalutat l-istrument (ara n-nota 9 f'qiegħ il-paġna, pti. 72-73).

(16) Ara d-diskors tat-3 ta' Diċembru 2010 msemmi fin-nota 9 f'qiegħ il-paġna.

(17) COM(2010) 385 tal-20 ta' Lulju 2010, *Deskrizzjoni ġenerali tal-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja*, p. 24. Ara dwar din il-Komunikazzjoni l-opinjoni tal-EDPS tat-30 ta' Settembru 2010, li hija disponibbli permezz tal-websajt tal-EDPS (http://www.edps.europa.eu) taħt "Konsultazzjoni" >> "Opinjonijiet" >> "2010".

(18) Ara p. 32 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (minn hawn 'il quddiem: "id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika") ([19]). Il-Parti III tistabbilixxi fil-qosor il-bidliet li seħħew bit-Trattat ta' Lisbona, minħabba li dawn huma rilevanti b'mod partikolari għal din il-kwistjoni u għandhom konsegwenzi diretti għall-mod kif ir-regoli tal-UE dwar iż-żamma tad-dejta għandhom jiġu preżunti, evalwati u possibilment riveduti. L-akbar parti tal-opinjoni, il-Parti IV, tinkludi l-analiżi dwar il-validità tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data fil-kuntest tad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta u mil-lat tas-sejbiet ippreżentati fir-rapport ta' Evalwazzjoni. Il-Parti V tiddiskuti l-iżvilupp 'il quddiem li jista' jsir. L-opinjoni tintemm, fil-Parti VI, b'konklużjoni.

## II. IR-REGOLI TAL-UE DWAR IŻ-ŻAMMA TAD-DEJTA

16. Fil-kuntest ta' din l-opinjoni, iż-żamma tad-dejta tirreferi għall-obbligu tal-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli għall-pubbliku jew ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi li iżommu dejta dwar it-traffiku u dwar il-lok kif ukoll dejta relatata li tkun meħtieġa biex jiġi identifikat l-abbonat jew l-utent għal ċertu perjodu. Dan l-obbligu huwa stabbilit fid-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta, li jispeċifika wkoll fl-Artikolu 5(1) il-kategoriji ta' dejta li għandha tinżamm. Skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din id-dejta għandha tinżamm għal perjodu ta' mhux anqas minn sitt xhur u mhux aktar minn sentejn mid-data tal-komunikazzjoni.

17. Id-dejta għandha tinżamm sakemm din tiġi ġġenerata jew ipproċessata mill-fornituri fil-proċess ta' forniment tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet ikkonċernati (Art. 3). Hija tinkludi wkoll dejta relatata ma' tentattivi ta' sejħiet mingħajr suċċess. Skont id-Direttiva (Art. 5(1)) l-ebda dejta li tiżvela l-kontenut tal-komunikazzjonijiet ma għandha tinżamm.

18. Id-dejta għandha tinżamm sabiex ikun żgurat li d-dejta tkun disponibbli għall-finijiet ta' "investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati serji, kif definita minn kull Stat Membru fil-liġi nazzjonali tiegħu" (Art. 1(1)).

19. Id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data ma tinkludi l-ebda regola oħra skont il-kundizzjonijiet ta' liema, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jista' jkollhom aċċess għad-dejta miżmuma. Dan jitħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri u jaqa' barra mill-ambitu tad-Direttiva. L-Artikolu 4 tad-Direttiva jenfasizza li dawn ir-regoli nazzjonali għandhom ikunu skont il-ħtieġa u r-rekwiżiti tal-proporzjonalità kif previst, b'mod partikolari, mill-ECHR.

20. Id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta hija relatata mill-qrib mad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Din id-Direttiva, li hija relatata b'mod partikolari ma' u tikkumplementa d-Direttiva dwar il-Protezzjoni ta' Dejta 95/46/KE ġenerali, tistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalitż tal-komunikazzjonijiet u d-dejta dwar it-traffiku relatata ([20]). Id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika teħtieġ li d-dejta dwar it-traffiku u dwar il-lok li tiġi ġġenerata bl-użu ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandha titħassar jew issir anonima meta ma tkunx aktar meħtieġa għall-finijiet tat-trasmissjoni ta' komunikazzjoni, ħlief fejn u sakemm biss, din tkun meħtieġa għall-finijiet biex jitħallsu l-kontijiet ([21]). Sakemm ikun hemm awtorizzazzjoni, ċertu dejta tista' tiġi proċessata għall-perjodu meħtieġ għad-dispożizzjoni ta' servizz ta' valur miżjud.

21. Abbażi tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika huwa possibbli għall-Istati Membri li jadottaw miżuri leġiżlattivi sabiex jillimitaw l-ambitu tal-obbligi msemmija aktar 'il fuq jekk din tkun "tikkostitwixxi miżura neċessarja, xierqa u proporzjonata f'soċjetà demokratika biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà nazzjonali (jiġifieri s-sigurtà tal-Istat), id-difiża, is-sigurtà pubblika, u l-prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati kriminali […]". Il-punt dwar iż-żamma tad-dejta huwa msemmi b'mod espliċitu fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. L-Istati Membri jistgħu "jadottaw miżuri leġiżlattivi li jipprevedu ż-żamma tal-informazzjoni għal perjodu limitat" li jkun ġustifikat għar-raġunijiet li ssemmew.

22. Id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta kienet intenzjonata sabiex tallinja l-inizjattivi tal-Istati Membri skont l-Artikolu 15(1), sakemm din tkun tikkonċerna ż-żamma tad-dejta għal investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati serji. Ta' min jenfasizza li d-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-obbligu ġenerali previst fid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika biex id-dejta titħassar ladarba ma tkunx aktar meħtieġa ([22]).

23. Bl-adozzjoni tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta, iddaħħal paragrafu ieħor 1(a) fl-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika li fih ġie stabbilit li l-paragrafu 15(1) m'għandux japplika għal dejta li tkun meħtieġa b'mod speċifiku bid-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta sabiex tinżamm għall-finijiet msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dik id-Direttiva.

24. Ta' min jinnota fir-rapport ta' Evalwazzjoni, kif diskuss aktar 'il quddiem fil-Parti IV.3 hawn taħt, li l-Artikolu 15(1) u 15(1)(b) intużaw minn diversi Stati Membri biex jużaw id-dejta miżmuma skont id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta anke għal finijiet oħrajn ([23]). L-EDPS irrefera għal dan bħala "vojt legali" fil-qafas legali, li jfixkel l-għan tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta, jiġifieri li toħloq kundizzjonijiet ugwali għall-industrija ([24]).

([19]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 2.

([20]) Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

([21]) Ara l-Artikoli 6 u 9 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

([22]) Ara wkoll il-WP29 fir-Rapport tat-13 ta' Lulju 2010, imsemmi fin-nota 13 f'qiegħ il-paġna, p. 1.

([23]) Ara p. 4 tar-rapport ta' Evalwazzjoni. Ara f'dan ir-rapport ukoll il-Premessa 12 tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta.

([24]) Ara d-diskors tat-3 ta' Diċembru 2010 imsemmi fin-nota 9 f'qiegħ il-paġna, p. 4.

## III. IL-KUNTEST LEGALI ĠENERALI TAL-UE INBIDEL WARA T-TRATTAT TA' LISBONA

25. Il-kuntest legali ġenerali tal-UE rilevanti għad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta nbidel b'mod konsiderevoli mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Bidla kbira kienet it-tneħħija tal-istruttura ta' pilastri, li kienet stabbiliet proċeduri leġiżlattivi u mekkaniżmi ta' reviżjoni differenti għall-oqsma differenti ta' kompetenza Komunitarja.

26. L-istruttura ta' pilastri ta' qabel kienet tqajjem diskussjonijiet regolari dwar il-bażi legali korretta ta' strument Komunitarju f'każ li kwistjoni partikolari kellha tinvolvi l-kompetenza Komunitarja f'pilastri differenti. L-għażla ta' bażi legali ma kinitx mingħajr importanza minħabba li din wasslet għal proċeduri leġiżlattivi differenti rigward, pereżempju, ir-rekwiżiti ta' votazzjoni fil-Kunsill (maġġoranza kwalifikata jew unanimità) jew l-involviment tal-Parlament Ewropew.

27. Dawn id-diskussjonijiet kienu rilevanti ħafna għaż-żamma tad-dejta. Minħabba li d-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta kellha l-għan li tarmonizza l-obbligu għall-operaturi, u b'hekk kellha telimina l-ostakli għas-suq intern, il-bażi legali tinstab fl-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE preċedenti (l-ewwel pilastru ta' qabel). Madankollu, il-kwistjoni setgħet tiġi trattata mill-perspettiva tal-infurzar tal-liġi, fejn seta' jiġi argumentat li l-għan sabiex tinħażen id-dejta kien li jiġu miġġielda reati ta' kriminalità serji, fil-qafas tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-qrati f'materji kriminali fit-Trattat tal-KE preċedenti (it-tielet pilastru ta' qabel) ([25]).

28. Sadanittant, id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE preċedenti, li jirregola biss l-obbligi għall-operaturi. Id-Direttiva ma kinitx tinkludi regoli dwar l-aċċess għal u l-użu tad-dejta miżmuma mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

29. Wara l-adozzjoni tagħha, il-validità tad-Direttiva ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Ġie argumentat li d-Direttiva kellha tkun ibbażata fuq it-tielet pilastru minflok l-ewwel pilastru, minħabba li l-għan li għalih id-dejta kellha tinżamm (investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati serji) kien jaqa' taħt il-kompetenza tal-UE fit-tielet pilastru ([26]). Madankollu, minħabba li l-imġiba tal-awtoritajiet kompetenti tħalliet barra b'mod espliċitu mill-ambitu tad-Direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li d-Direttiva kienet ibbażata b'mod korrett fuq it-Trattat tal-KE ([27]).

30. Sa mill-bidu nett, l-EDPS argumenta li jekk l-UE tadotta strument dwar iż-żamma tad-dejta dan għandu jirregola l-obbligu tal-operaturi kif ukoll l-aċċess għal u l-użu ulterjuri tad-dejta mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Fl-opinjoni tiegħu tal-2005 dwar il-proposta tal-Kummissjoni, l-EDPS enfasizza li l-aċċess għal u l-użu ulterjuri tad-dejta mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kienu jikkostitwixxu parti essenzjali u mhux separabbli mill-mertu tal-każ ([28]).

31. Kif spjegat f'aktar dettall hawn taħt, l-effetti negattivi tal-UE li jirregolaw biss nofs il-mertu in kwistjoni ġew ikkonfermati f'dan ir-rapport ta' Evalwazzjoni. Il-Kummissjoni tikkonkludi li d-differenzi fil-liġijiet nazzjonali dwar l-aċċess għal u l-użu ulterjuri tad-dejta mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti wasslu għal "diffikultajiet konsiderevoli" għall-operaturi ([29]).

32. Bit-tneħħija tal-istruttura ta' pilastri wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, iż-żewġ oqsma rilevanti ta' kompetenza tal-UE tpoġġew flimkien fit-TFUE li jippermetti l-adozzjoni ta' tema ta' leġiżlazzjoni tal-UE għall-istess proċedura leġiżlattiva. Dan il-kuntest ġdid jippermetti l-adozzjoni ta' strument ġdid u uniku dwar iż-żamma tad-dejta li jirregola l-obbligi tal-operaturi kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-aċċess u l-użu ulterjuri tad-dejta mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Kif spjegat fil-Parti IV.3 t'hawn taħt, id-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta jeħtieġu li jekk tiġi kkunsidrata miżura Komunitarja riveduta dwar iż-żamma tad-dejta, din għandha minn tal-anqas tirregola l-kwistjoni fl-intier tagħha.

33. It-Trattat ta' Lisbona mhux biss neħħa l-istruttura ta' pilastri, iżda ta wkoll lill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE li qabel ma kinitx vinkolanti, u li kienet tinkludi d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta fl-Artikolu 7 u 8, l-istess valur legali bħat-Trattati ([30]). Dritt suġġettiv għall-protezzjoni tad-dejta kien ġie nkluż ukoll fl-Artikolu 16 tat-TFUE, li ħoloq bażi legali separata għal strumenti Komunitarji dwar il-protezzjoni ta' dejta personali.

34. Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ilha għal żmien twil isservi bħala bażi għall-politika Komumitarja, u t-Trattat ta' Lisbona wassal għal impenn ferm aktar b'saħħtu għal dawn id-drittijiet fil-kuntest tal-UE. Il-bidliet li ġab miegħu t-Trattat ta' Lisbona wassal lill-Kummissjoni f'Ottubru tal-2010 biex tħabbar il-promozzjoni ta' "kultura ta' drittijiet fundamentali" fil-fażijiet kollha tal-proċess leġiżlatittv u biex tiddikjara li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE "għandha sservi bħala boxxla għall-politika Komunitarja" ([31]). L-EDPS jemmen li l-proċess ta' evalwazzjoni attwali joffri lill-Kummissjoni opportunità tajba biex tagħti prova tal-impenn tagħha.

([25]) Il-proposta preliminari għar-regoli Komunitarji dwar iż-żamma tad-dejta (deċiżjoni qafas) kienet ibbażata fuq it-Trattat tal-UE preċedenti, imressqa minn Franza, l-Irlanda, l-Isvezja u r-Renju Unit. Ara d-dokument tal-Kunsill 8958/04 tat-28 ta' April 2004. Din il-proposta kienet segwita minn proposta tal-Kummissjoni bbażata fuq it-Trattat tal-KE. Ara KUMM(2005) 438 tal-21 ta' Settembru 2005.

([26]) Dan l-argument kien ibbażat fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-"każijiet-PNR", ara ECJ tat-30 ta' Mejju 2006, *Il-Parlament vs. il-Kunsill u l-Kummissjoni*, C-317/05 u C-318/04.

([27]) Ara ECJ l-10 ta' Frar 2009, *L-Irlanda vs. Il-Parlament u l-Kunsill*, C-301/06, para 82-83.

([28]) Ara l-opinjoni tal-2005, pt. 80. Ara dwar dan ukoll il-parti IV.3 ta' din l-opinjoni.

([29]) Ara p. 31 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

([30]) Ara l-Artikolu 6(1) TUE.

([31]) COM(2010) 573 tad-19 ta' Ottubru 2010, Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, p. 4.

## IV. ID-DIRETTIVA DWAR IŻ-ŻAMMA TA' DEJTA TISSODISFA R-REKWIŻITI TAL-PRIVATEZZA U L-PROTEZZJONI TAD-DEJTA?

35. Ir-rapport ta' Evalwazzjoni juri diversi nuqqasijiet fid-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data li hemm fis-seħħ. L-informazzjoni pprovduta fir-rapport turi li d-Direttiva naqset milli tissodisfa l-għan ewlieni tagħha, jiġifieri li tarmonizza l-liġijiet nazzjonali li jikkonċernaw iż-żamma tad-dejta. Il-Kummissjoni tinnota li jeżistu differenzi "konsiderevoli" bejn it-traspożizzjoni tal-liġijiet fir-rigward tal-limitazzjoni tal-iskop, l-aċċess għad-dejta, il-perjodi taż-żamma, il-protezzjoni tad-dejta kif ukoll is-sigurtà tad-dejta u l-istatistika ([32]). Skont il-Kummissjoni, id-differenzi huma parzjalment minħabba l-varjazzjoni prevista b'mod espliċitu fid-Direttiva. Il-Kummissjoni tiddikjara, madankollu, li anke lil hinn minn dan, "id-differenzi fl-applikazzjoni nazzjonali taż-żamma tad-dejta kienu jippreżentaw diffikultajiet konsiderevoli għall-operaturi' u li 'se jkompli jkun hemm nuqqas ta' ċertezza legali għall-industrija" ([33]). Ma hemmx għalfejn wieħed joqgħod jgħid li n-nuqqas ta' armonizzazzjoni huwa ta' detriment għall-partijiet kollha involuti: iċ-ċittadini, l-operaturi tan-negozju kif ukoll l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

36. Minn perspettiva ta' privatezza u protezzjoni tad-dejta, ir-rapport ta' Evalwazzjoni jiġġustifika wkoll il-konklużjoni li d-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta ma tissodisfax ir-rekwiżiti imposti bid-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Jeżistu diversi nuqqasijiet: il-ħtieġa għaż-żamma tad-dejta kif previst fid-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta ma ngħatatx prova tagħha biżżejjed, iż-żamma tad-dejta setgħet, fi kwalunkwe każ, tiġi regolata b'mod inqas invażiv għall-privatezza, u li d-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta ma għandhiex "prevedibbilta". Dawn it-tliet punti sejrin jiġu elaborati hawn taħt.

### IV.1. Il-ħtieġa li ż-żamma tad-dejta kif previst fid-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta ma ngħatatx prova tagħha biżżejjed

37. Interferenza mad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta hija awtorizzata biss jekk il-miżura tkun meħtieġa sabiex jinkiseb l-għan leġittimu. Il-ħtieġa taż-żamma tad-dejta bħala miżura ta' infurzar tal-liġi ilha b'mod regolari s-suġġett ewlieni għal diskussjoni ([34]). Fil-proposta għad-Direttiva kien iddikjarat li l-limitazzjonijiet dwar id-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta kienu "meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet rikonoxxuti b'mod ġenerali tal-prevenzjoni u l-ġlieda tal-kriminalità u t-terroriżmu" ([35]). Madankollu, fl-opinjoni tal-2005, l-EDPS kien indika li mhuwiex konvint b'din id-dikarazzjoni, minħabba li kienet meħtieġa aktar evidenza ([36]). Xorta waħda, mingħajr evidenza ulterjuri kien iddikjarat fil-Premessa 9 tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta li "ż-żamma tad-dejta wriet li hija […] għodda ta' investigazzjoni tant neċessarja u effettiva għall-infurzar tal-liġi f'diversi Stati Membri".

38. Minħabba n-nuqqas ta' evidenza biżżejjed, l-EDPS argumenta li d-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta kienet ibbażata biss fuq il-preżunzjoni li ż-żamma tad-dejta kif żviluppata fid-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta kienet tikkostitwixxi miżura meħtieġa ([37]). Għalhekk l-EDPS appella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jużaw l-okkażjoni tar-rapport ta' Evalwazzjoni ħalli jipprovdu iżjed evidenza li tikkonferma li l-preżunzjoni dwar il-ħtieġa tal-miżura taż-żamma tad-dejta u l-mod kif din hija regolata fid-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta kienet fil-fatt korretta.

39. Dwar dan il-punt, il-Kummissjoni tiddikjara fir-rapport ta' Evalwazzjoni tagħha li "ħafna mill-Istati Membri huma tal-opinjoni li r-regoli tal-UE dwar iż-żamma tad-dejta jibqgħu meħtieġa bħala għodda għall-infurzar tal-liġi, il-protezzjoni ta' vittmi u għas-sistemi tal-ġustizzja kriminali". Iż-żamma tad-dejta hija kkunsidrata wkoll li għandha "rwol importanti ħafna" fl-investigazzjoni kriminali, li hija "għall-inqas importanti u f'ċerti każijiet indispensabbli" u li mingħajr iż-żamma tad-dejta ċerti reati kriminali "qatt ma setgħu jiġu solvuti" ([38]). Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-UE għandha, għaldaqstant, "tappoġġa u tirregola ż-żamma tad-dejta bħala miżura ta' sigurtà" ([39]).

40. Madankollu jeżisti dubju kemm il-Kummissjoni tista' tikkonkludi fil-fatt li ħafna mill-Istati Membri jikkunsidraw iż-żamma tad-dejta bħala għodda meħtieġa. Mhuwiex indikat liema Stati Membri jikkostitwixxu l-maġġoranza, li fl-UE ta' 27 Stat Membru għandha tkun mill-anqas ta' 14 sabiex wieħed ikun jista' jitkellem dwar ħafna mill-Istati Membri. In-numru ta' Stati Membri li ssemmew b'mod konkret fil-Kapitolu 5, li fuqhom huma bbażati l-konklużjonijiet, huwa l-aktar ta' disgħa ([40]).

41. Barra minn hekk, jidher li l-Kummissjoni tibbaża ruħha l-aktar fuq id-dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri dwar jekk dawn jikkunsidrawx iż-żamma tad-dejta bħala għodda meħtieġa għall-infurzar tal-liġi. Dawn id-dikjarazzjonijiet, madankollu, jindikaw li l-Istati Membri kkonċernati jixtiequ li jkollhom regoli Komunitarji dwar iż-żamma tad-dejta, iżda ma jistgħux jistabbilixxu l-ħtieġa għaż-żamma tad-dejta bħala miżura ta' infurzar tal-liġi, appoġġata u regolata mill-UE. Id-dikjarazzjonijiet dwar il-ħtieġa għandhom jiġu appoġġati b'evidenza suffiċjenti.

42. Wieħed jammetti li sabiex tintwera l-ħtieġa ta' miżura li tinvadi l-privatezza mhuwiex kompitu faċli. B'mod partikolari mhuwiex għall-Kummissjoni, li tiddependi ħafna fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

43. Madankollu, jekk miżura tkun diġà fis-seħħ, bħalma hija d-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta, u tkun inkisbet esperjenza prattika, irid ikun hemm informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva biżżejjed li tippermetti evalwazzjoni dwar

---

([32]) Ara p. 31 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.
([33]) Ara p. 31 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.
([34]) Ara l-opinjoni tal-EDPS tal-2005. Ara wkoll l-ittra tat-22 ta' Ġunju 2010 minn grupp kbir tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, imsemmija fin-nota 10 f'qiegħ il-paġna.
([35]) COM(2005) 438 tal-21 ta' Settembru 2005, p. 3.
([36]) Ara l-opinjoni tal-2005, pti. 17-22.
([37]) Ara d-diskors tat-3 ta' Diċembru 2010 imsemmi fin-nota 9 f'qiegħ il-paġna.
([38]) Il-kwotazzjonijiet kollha jinstabu minn p. 23 sa 31 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.
([39]) Ara p. 31 tar-Rapport ta' Evalwazzjoni.
([40]) Ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Polonja, il-Finlandja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Irlanda u l-Ungerija.

jekk il-miżura hix fil-fatt tiffunzjona u jekk riżultati komparabbli setgħux jinkisbu mingħajr l-istrument jew permezz ta' mezzi alternattivi li jinvadu inqas il-privatezza. Din l-informazzjoni għandha tikkostitwixxi prova ġenwina u turi r-relazzjoni bejn l-użu u r-riżultat ([41]). Minħabba li din tikkonċerna Direttiva tal-UE, l-informazzjoni għandha tirrappreżenta wkoll il-prattika tal-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE.

44. Wara analiżi bir-reqqa, l-EDPS jikkunsidra li, għalkemm il-Kummissjoni għamlet sforz kbir biex tiġbor l-informazzjoni mingħand il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva fornuta mill-Istati Membri mhix biżżejjed biex tikkonferma l-ħtieġa ta' żamma tad-dejta kif inhi żviluppata fid-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta. Ġew ipprovduti eżempji interessanti dwar l-użu tagħha, madankollu hemm wisq nuqqasijiet fl-informazzjoni ppreżentata fir-rapport sabiex ikunu jistgħu jinsiltu konklużjonijiet ġenerali dwar il-ħtieġa tal-istrument. Barra minn hekk, għad trid issir aktar investigazzjoni dwar mezzi alternattivi. Dawn iż-żewġ punti sejrin jiġu elaborati hawn taħt.

*L-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva pprovduta fir-rapport ta' Evalwazzjoni*

45. Rigward l-informazzjoni statistika, kwantitattiva li ġiet ippreżentata l-aktar fil-Kapitolu 5 u fl-Anness tar-rapport ta' Evalwazzjoni, hemm informazzjoni kruċjali li hija nieqsa. Pereżempju, l-istatistika ma tindikax l-għanijiet li għalihom id-dejta kienet qiegħda tintalab. Barra minn hekk, in-numri ma jiżvelawx jekk id-dejta kollha li għaliha ntalab l-aċċess kinitx dejta li ġiet maħżuna bħala konsegwenza tal-obbligu legali li tinżamm id-dejta jew għal raġunijiet ta' negozju. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar ir-riżultati tal-użu tad-dejta. Fit-tfassil ta' konklużjonijiet kien hemm problema akbar minħabba li l-informazzjoni mill-Istati Membri differenti mhux dejjem setgħet titqabbel b'mod sħiħ u f'ħafna mill-każijiet id-dijagrammi kienu jirrappreżentaw disa' Stati Membri biss.

46. L-eżempji kwalitattivi fornuti fir-rapport iservu bħala stampa aktar ċara dwar l-irwol importanti li d-dejta miżmuma kellha f'ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi u għall-benefiċċji potenzjali li jista' jkollha sistema ta' żamma tad-dejta. Madankollu, mhux fil-każijiet kollha huwa ċar jekk l-użu tad-dejta miżmuma kienx l-uniku mezz sabiex jissolva r-reat involut.

47. Ċerti eżempji juru l-indispensabbiltà tal-miżura taż-żamma tad-dejta biex tiġi miġġielda ċ-ċiberkriminalità. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-istrument internazzjonali prinċipali f'dan il-qasam, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità, ma jikkunsidrax iż-żamma tad-dejta bħala miżura biex tkun miġġielda ċ-ċiberkriminalità, iżda bħala li tirreferi biss għall-preservazzjoni tad-dejta bħala għodda investigattiva ([42]).

48. Il-Kummissjoni tidher li tagħti importanza konsiderevoli lill-eżempji fornuti mill-Istati Membri li fihom, id-dejta miżmuma tkun inżammet biex jiġu esklużi suspetti minn xeni ta' kriminalità u biex jiġu vverifikati l-alibi ([43]). Għalkemm dawn huma eżempji interessanti dwar kif id-dejta tintuża mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, dawn ma jistgħux jintużaw biex juru l-ħtieġa taż-żamma tad-dejta. Dan l-argument għandu jintuża b'kawtela minħabba li jista' jinftiehem ħażin, li jfisser li ż-żamma tad-dejta tkun meħtieġa biex tiġi ppruvata l-innoċenza taċ-ċittadini, li għaldaqstant ikun diffiċli li din tiġi rikonċiljata mal-preżunzjoni tal-innoċenza.

49. Ir-rapport ta' Evalwazzjoni jiddiskuti fil-qosor biss il-valur taż-żamma tad-dejta fir-rigward ta' żviluppi teknoloġiċi, u b'mod aktar speċifiku l-użu ta' SIM cards imħallsa minn qabel ([44]). L-EDPS jenfasizza li aktar informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar l-użu ta' teknoloġiji ġodda mhux koperti b'din id-direttiva (dan jista' jkun il-każ għall-VoIP u netwerks soċjali) kienet tkun ta' għajnuna biex tiġi vvalutata l-effikaċja tad-Direttiva.

50. Ir-rapport ta' Evalwazzjoni huwa limitat għaliex jiffoka l-aktar fuq informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva fornuta mill-Istati Membri li implimentaw id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta. Madankollu kien ikun interessanti li wieħed jara jekk kienx hemm differenzi konsiderevoli bejn dawk l-Istati Membri u l-oħrajn li ma implimentawx id-Direttiva. B'mod speċjali għal dawk l-Istati Membri li fihom il-leġiżlazzjoni implimentattiva ġiet annullata (il-Ġermanja, ir-Rumanija u r-Repubblika Ċeka) kien ikun interessanti li wieħed jara jekk hemmx xi evidenza taż-żieda jew it-tnaqqis ta' investigazzjonijiet kriminali b'suċċess, jew qabel jew wara dawn l-annullamenti.

51. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-istatistika u l-eżempji fornuti fir-rapport ta' Evalwazzjoni huma "limitati f'ċertu aspetti", iżda minkejja dan tikkonkludi li l-evidenza tikkonferma "l-irwol importanti ħafna tad-dejta miżmuma għal investigazzjonijiet kriminali" ([45]).

52. L-EDPS iħoss li l-Kummissjoni kellha tkun aktar kritika lejn l-Istati Membri. Kif spjegat diġà, id-dikjarazzjonijiet politiċi minn ċerti Stati Membri dwar il-ħtieġa għal tali miżura ma jistgħux waħedhom jiġġustifikaw azzjoni Komunitarja. Il-Kummissjoni kellha tinsisti li l-Istati Membri kellhom jipprovdu evidenza biżżejjed li turi l-ħtieġa tal-miżura. Skont l-EDPS, il-Kummissjoni kellha minn tal-inqas tappoġġa ż-żamma tad-dejta bħala miżura ta' sigurtà (ara p. 31 tar-rapport ta' Evalwazzjoni) bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jipprovdu aktar evidenza matul l-evalwazzjoni tal-impatt.

*Mezzi alternattivi*

53. Il-ħtieġa għaż-żamma tad-dejta kif stabbilit fid-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta tiddependi wkoll fuq jekk jeżistux mezzi alternattivi li jinvadu inqas il-privatezza li setgħu jwasslu għal riżultati komparabbli. Dan ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-deċiżjoni tagħha Schecke

([41]) Dwar il-prinċipju tal-ħtieġa u l-proporzjonalità ara wkoll l-opinjoni tal-EDPS tal-25 ta' Marzu 2011 dwar il-proposta PNR tal-UE, li hija disponibbli fuq il-websajt tal-EDPS (http://www.edps.europa.eu) taħt "Konsultazzjoni" >> "Opinjonijiet" >> "2011".

([42]) Ara wkoll p. 5 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

([43]) Ara p. 24 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

([44]) Ara p. 25 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

([45]) Ara p. 31 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

f'Novembru 2010, li fiha l-liġi tal-UE dwar il-pubblikazzjoni ta' ismijiet ta' benefiċjarji ta' fondi agrikoli ġiet annullata ([46]). Waħda mir-raġunijiet għall-annullament kienet li l-Kunsill u l-Kummissjoni ma kkunsidrawx miżuri alternattivi li setgħu jkunu konsistenti mal-għan tal-pubblikazzjoni filwaqt li fl-istess ħin jikkawżaw inqas interferenza mad-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta tal-persuni kkonċernati ([47]).

54. L-alternattiva ewlenija li ssemmiet fid-diskussjonijiet dwar id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta huwa l-metodu ta' preservazzjoni tad-dejta ("iffriżar malajr" u "iffriżar malajr plus") ([48]). Dan jikkonsisti f'li tiġi żgurata b'mod temporanju jew f'li tiġi "iffriżata" ċerta dejta dwar it-traffiku u dwar il-lok tat-telekomunikazzjonijiet li tkun tirrigwarda mhux biss suspetti speċifiċi ta' attività kriminali, li mbagħad tista' ssir disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi b'awtorizzazzjoni ġudizzjarja.

55. Il-preservazzjoni tad-dejta tissemma fir-rapport ta' Evalwazzjoni fil-kuntest tal-Konvenzjoni taċ-Ċiberkriminalità li hemm referenza għaliha aktar 'il fuq, iżda hija kkunsidrata bħala mhux xierqa għaliex din "ma tagħtix garanzija li wieħed ikun jista' jistabbilixxi traċċi ta' evidenza preċedenti għall-ordni tal-preservazzjoni, ma tippermettix investigazzjonijiet fejn il-mira mhix magħrufa, u ma tippermettix li tinġabar evidenza dwar il-movimenti pereżempju tal-vittmi jew ta' xhieda f'delitt". ([49]).

56. L-EDPS jirrikonoxxi li inqas informazzjoni tkun disponibbli meta sistema ta' preservazzjoni tad-dejta tintuża minflok sistema wiesgħa ta' żamma tad-dejta. Madankollu, huwa preċiżament minħabba n-natura aktar immirata tagħha li l-preservazzjoni tad-dejta tikkostitwixxi strument li jinvadi inqas il-privatezza f'termini ta' skala u numru ta' persuni affettwati. L-evalwazzjoni m'għandhiex tiffoka biss fuq id-dejta disponibbli, iżda wkoll fuq ir-riżultati differenti miksuba miż-żewġ sistemi. L-EDPS jikkunsidra investigazzjoni aktar dettaljata dwar din il-miżura bħala waħda ġustifikata u indispensabbli. Din tista' ssir matul l-evalwazzjoni tal-impatt fix-xhur li ġejjin.

57. F'dan ir-rigward, hija ħasra li fil-konklużjonjijiet tar-rapport, il-Kummissjoni timpenja ruħha li teżamina jekk – u jekk inhu hekk kif – metodu Komunitarju dwar il-preservazzjoni tad-dejta jistax jikkumplementa (jiġifieri, ma jissostitwixxix) iż-żamma tad-dejta ([50]). Il-possibbiltà li tiġi miġġielda kwalunkwe għamla ta' skema ta' żamma mas-salvagwardji proċedurali li jikkonċernaw diversi metodi ta' preservazzjoni ta' dejta fil-fatt teħtieġ aktar investigazzjoni. Madankollu, l-EDPS jirrakkomanda li matul l-evalwazzjoni tal-impatt il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll jekk sistema ta' preservazzjoni ta' dejta, jew mezzi alternattivi oħra, jistgħux jissostitwixxu kompletament jew parzjalment l-iskema ta' żamma tad-dejta li hemm fis-seħħ.

([46]) ECJ id-9 ta' Novembru 2010, *Volker und Markus Schecke*, C-92/09 u C-93/09.

([47]) ECJ, *Schecke*, para 81.

([48]) "Iffirżar malajr" jikkonċerna l-"iffriżar" ta' dejta dwar it-traffiku u dwar il-lok li tirrigwarda suspett speċifiku mid-data tal-awtorizzazzjoni ġudizzjarja. "Iffirżar malajr plus" jinkludi wkoll l-'iffirżar' ta' dejta li tkun inżammet diġà mill-operaturi għal finijiet ta' ħlas ta' kontijiet u ta' trażmissjoni.

([49]) Ara p. 5 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

([50]) Ara p. 32 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

### IV.2. Iż-żamma tad-dejta kif regolata fid-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data, fi kwalunkwe każ, tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ

58. Skont l-EDPS, l-informazzjoni fir-rapport ta' Evalwazzjoni ma tinkludix evidenza biżżejjed li turi l-ħtieġa tal-miżura taż-żamma tad-dejta kif stabbilit fid-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta. Madankollu, ir-rapport ta' Evalwazzjoni jippermetti l-konklużjoni li d-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta rregolat iż-żamma tad-dejta b'tali mod li jmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ, jew, tal-inqas, ma żguratx li ż-żamma tad-dejta ma ġietx applikata b'tali mod. F'dan ir-rigward, jistgħu jiġu enfasizzati erba' elementi.

59. L-ewwel nett, l-għan mhux ċar tal-miżura u l-perċezzjoni wiesgħa tal-"awtoritajiet nazzjonali kompetenti" wasslu biex id-dejta miżmuma tintuża għal sensiela ta' għanijiet wiesgħin ħafna u minn numru kbir ħafna ta' awtoritajiet. Barra minn hekk, mhemmx konsistenza fis-salvagwardji u l-kundizzjonijiet rigward l-aċċess għad-dejta. Pereżempju, l-aċċess ma jiddependix minn approvazzjoni minn qabel minn awtorità ġudizzjarja jew oħra indipendenti fl-Istati Membri kollha.

60. It-tieni nett, il-perjodu massimu taż-żamma ta' sentejn jidher li jmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ. L-informazzjoni statistika minn numru ta' Stati Membri ppubblikata fir-rapport ta' Evalwazzjoni turi li l-maġġoranza l-kbira tat-talbiet għall-aċċess jirrigwardaw dejta sa sitt xhur, jiġifieri 86 % ([51]). Barra minn hekk, sittax-il Stat Membru għażlu perjodu ta' żamma ta' sena jew inqas fil-liġijiet tagħhom ([52]). Dan jissuġġerixxi b'mod qawwi li perjodu massimu ta' sentejn imur lil hinn minn dak li huwa kkunsidrat bħala meħtieġ mill-maġġoranza tal-Istati Membri.

61. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' perjodu wieħed fiss għall-Istati Membri kollha ħoloq varjetà ta' liġijiet nazzjonali differenti li jistgħu jikkawżaw kumplikazzjonijiet minħabba li mhux dejjem ikun ċar liema liġi nazzjonali – dwar iż-żamma tad-dejta kif ukoll dwar il-protezzjoni tad-dejta – għandha tapplika meta l-operaturi jaħżnu dejta fi Stat Membru għajr dak li fih id-dejta tkun inġabret.

62. It-tielet nett, il-livell ta' sigurtà mhuwiex armonizzat biżżejjed. Waħda mill-konklużjonijiet ewlenin tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 fir-rapport tiegħu ta' Lulju 2010 kienet li fir-rigward ta' miżuri ta' sigurtà fl-Istati Membri differenti jeżisti ħafna traqqigħ. Il-Kummissjoni jidher li qed tikkunsidra l-miżuri ta' sigurtà f'din id-Direttiva bħala biżżejjed, minħabba li "m'hemm l-ebda eżempju konkret ta' ksur serju tal-privatezza" ([53]). Madankollu jidher li l-Kummissjoni talbet lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jirrapportaw biss dwar dan. Sabiex tiġi evalwata l-adattabbiltà tar-regoli u l-miżuri tas-sigurtà li hemm fis-seħħ, hemm bżonn ta' konsultazzjoni usa' u investigazzjoni aktar konkreta f'każijiet ta' abbuż. Anke jekk fil-kuntest tar-rapport ma jissemma' l-ebda eżempju speċifiku dwar ksur ta' sigurtà, il-ksur tas-sigurtà tad-dejta u l-iskandli fil-qasam tad-dejta dwar it-traffiku u tal-komunikazzjonijiet elettroniċi f'ċerti Stati Membri jservu wkoll bħala twissijiet

([51]) Ara p. 22 tar-rapport ta' Evalwazzjoni. 12 % jikkonċernaw dejta li għandha bejn sitta u tnax-il xahar u 2 % jikkonċernaw dejta li għandha aktar minn sena.

([52]) Ara p. 14 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

([53]) Ara p. 30 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

importanti. Il-kwistjoni ma tistax tittieħed biċ-ċajt, minħabba li s-sigurtà tad-dejta miżmuma hija ta' importanza kbira għal sistema ta' żamma tad-dejta bħala tali, minħabba li din tiżgura r-rispett lejn is-salvagwardji l-oħra kollha ([54]).

63. Ir-raba' nett, mhuwiex ċar mir-rapport dwar jekk ingħatatx prova li l-kategoriji kollha ta' dejta miżmuma humiex meħtieġa. Isiru xi distinzjonijiet ġenerali biss bejn id-dejta telefonika u dik tal-internet. Ċerti Stati Membri għażlu li jimponu perjodu iqsar għaż-żamma tad-dejta tal-internet ([55]). Madankollu, l-ebda konklużjoni ġenerali ma tista' tinħareġ minn din.

### IV.3. Id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta m'għandhiex prevedibbiltà

64. Nuqqas ieħor tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data jikkonċerna n-nuqqas ta' prevedibbiltà. Ir-rekwiżit tal-prevedibbiltà jirriżulta mir-rekwiżit ġenerali tal-Artikolu 8(2) ECHR u l-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE li kwalunkwe interferenza trid tkun prevista bil-liġi. Skont il-ECtHR, dan ifisser li l-miżura għandu jkollha bażi legali fil-liġi u għandha tkun kompatibbli mal-istat tad-dritt. Dan jimplika li l-liġi tkun aċċessibbli u previdibbli b'mod adegwat ([56]). Ġie enfasizzat ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-deċiżjoni tagħha *Österreichischer Rundfunk* li l-liġi għandha tkun ifformulata bi preċiżjoni biżżejjed li tippermetti liċ-ċittadini biex jaġġustaw l-imġiba tagħhom kif xieraq ([57]). Il-liġi għandha tindika b'ċarezza biżżejjed l-ambitu tad-diskrezzjoni mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll il-mod ta' kif din għandha tiġi eżerċitata ([58]).

65. Barra minn hekk, fil-lista ta' verifika stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, waħda mill-mistoqsijiet li jridu jitwieġbu hija jekk kwalunkwe restrizzjoni fid-drittijiet fundamentali hix stabbilita b'"mod ċara u prevedibbli" ([59]). Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li ċ-ċittadini "għandhom id-dritt li jkunu jafu liema dejta personali tagħhom tkun qiegħda tiġi pproċessata u skambjata, minn min u għal liema finijiet" ([60]).

66. Fil-każ ta' Direttiva tal-UE, ir-responsabbiltà għall-konformità mad-drittijiet fundamentali, inkluż ir-rekwiżit tal-prevedibbiltà, tkun primarjament tal-Istati Membri li jimplimentaw id-Direttiva fil-liġijiet nazzjonali tagħhom. Huwa rekwiżit magħruf sew li din l-implimentazzjoni għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali ([61]).

67. Barra minn hekk fir-rapport ta' Evalwazzjoni, il-Kummissjoni tenfasizza li d-Direttiva "fiha nfisha ma tagħti l-ebda garanzija li d-dejta miżmuma tkun qed tinħażen, tiġi rkuprata u użata f'konformità sħiħa mad-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali". Dan ifakkar li "r-responsabbiltà sabiex ikunu żgurati dawn id-drittijiet hija tal-Istati Membri" ([62]).

68. Madankollu, l-EDPS jemmen li direttiva tal-UE għandha, sa ċertu punt, tissodisfa wkoll ir-rekwiżit tal-prevedibbiltà. Jew, fi kliem differenti mid-deċiżjoni *Lindqvist* tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-reġim li direttiva tipprovdi m'għandux ikollu "nuqqas ta' prevedibbiltà" ([63]). Dan huwa partikolarment il-każ ta' miżura Komunitarja li tkun teħtieġ lill-Istati Membri sabiex jorganizzaw interferenza fuq skala wiesgħa mad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta taċ-ċittadini. L-EDPS jikkunsidra li l-UE għandha r-responsabbiltà li tiżgura mill-inqas għan definit b'mod ċar u indikazzjoni ċara dwar min għandu jkollu aċċess għad-dejta u taħt liema kundizzjonijiet.

69. Din il-pożizzjoni hija awtorizzata bil-kuntest legali ġdid li nħoloq bit-Trattat ta' Lisbona, li, kif spjegat diġà, saħħaħ il-kompetenza tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji f'reati kriminali u stabbilixxa impenn aktar b'saħħtu biex l-UE tħares id-drittijiet fundamentali.

70. L-EDPS jixtieq ifakkar li r-rekwiżit ta' għan speċifiku u l-projbizzjoni konsegwenti li tiġi proċessata dejta b'mod mhux kompatibbli ma' dak l-għan ("il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-għan") huma ta' importanza kbira ħafna għall-protezzjoni ta' dejta personali, kif jikkonferma l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ([64]).

71. Ir-rapport ta' Evalwazzjoni juri li l-għażla li titħalla d-definizzjoni preċiża ta' x'jikkawża "reat serju" u konsegwentement ta' x'għandu jiġi kkunsidrat bħala "awtoritajiet kompetenti" fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri, wasslet għal varjetà wiesgħa ta' għanijiet li għalihom intużat id-dejta ([65]).

72. Il-Kummissjoni ddikjarat li "ħafna mill-Istati Membri ta' traspożizzjoni, skont il-liġijiet tagħhom, jippermettu l-aċċess għal u l-użu tad-dejta miżmuma għal finijiet li jmorru lil hinn minn dawk koperti bid-Direttiva, inkluż li tiġi evitata u miġġielda l-kriminalità b'mod ġenerali kif ukoll ir-riskju ta' ħajja u mewt" ([66]). L-Istati Membri jistgħu

([54]) Ara wkoll dwar din l-opinjoni tal-EDPS tal-2005, pt. 29-37. Ara wkoll id-diskors tal-Assistent Kontrollur tal-4 ta' Mejju 2011 li huwa disponibbli permezz tal-websajt tal-EDPS (http://www.edps.europa.eu) taħt "Pubblikazzjonijiet" >> "Diskorsi & Artikoli" >> "2011".
([55]) Ara p. 14 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.
([56]) Ara ECtHR, *S. u Marper*, imsemmija fin-nota 7 f'qiegħ il-paġna, para 151.
([57]) ECJ l-20 ta' Mejju 2003, *Österreichischer Rundfunk*, C-465/00, para 77, u ECtHR, *S. u Marper*, imsemmija fin-nota 7 f'qiegħ il-paġna, para 95.
([58]) Ara ECtHR, *Malone*, imsemmija fin-nota 8 f'qiegħ il-paġna, para 66-68.
([59]) COM(2010) 573, imsemmija fin-nota 31 f'qiegħ il-paġna, p. 5.
([60]) COM(2010) 385, imsemmija fin-nota 17 f'qiegħ il-paġna, p. 3.
([61]) Ara, pereżempju, ECJ is-6 ta' Novembru 2003, *Lindqvist*, para 87.
([62]) Ara p. 31 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.
([63]) ECJ, Lindqvist, para 84.
([64]) Ara wkoll l-Artikolu 6 tad-Direttiva 95/46/KE.
([65]) Ara p. 8 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.
([66]) Ara p. 8 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

jużaw il-"vojt legali" previst fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika ([67]). Il-Kummissjoni tikkunsidra li din is-sitwazzjoni tista' ma tipprevedix biżżejjed il-"prevedibbilità li hija rekwiżit fi kwalunkwe miżura leġiżlattiva li tillimita d-dritt għall-privatezza" ([68]).

73. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax jiġi ddikjarat li d-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data, moqrija b'mod partikolari firrigward tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, tipprovdi ċ-ċarezza meħtieġa sabiex tissodisfa l-prinċipju tal-prevedibbilità f'livell Komunitarju.

## V. IL-PASS 'IL QUDDIEM: L-GĦAŻLIET KOLLHA GĦANDHOM JIĠU KKUNSIDRATI

74. L-analiżi fil-parti preċedenti tiġġustifika l-konklużjoni li d-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti bid-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Għaldaqstant jidher ċar li d-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data ma tistax tkompli teżisti fil-forma attwali. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni b'mod korrett qed tipproponi li ssir reviżjoni tal-qafas attwali dwar iż-żamma tad-dejta ([69]).

75. Madankollu, qabel ma tipproponi verżjoni riveduta tad-Direttiva:

(a) Matul l-evalwazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni għandha tirsisti biex tiġbor aktar evidenza prattika mill-Istati Membri sabiex turi l-ħtieġa taż-żamma tad-dejta bħala miżura skont il-liġi Komunitarja.

(b) Jekk maġġoranza ta' Stati Membri tikkunsidra ż-żamma tad-dejta bħala waħda meħtieġa, dawn l-Istati Membri għandhom kollha kemm huma jipprovdu lill-Kummissjoni b'evidenza kwantitattiva u kwalitattiva li turi dan.

(c) L-Istati Membri li jopponu tali miżura ta' żamma tad-dejta għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni biex tkun tista' ssir evalwazzjoni usa' tal-kwistjoni.

76. Fl-evalwazzjoni tal-impatt irid jiġi eżaminat ukoll jekk mezzi alternattivi li jinvadu inqas il-privatezza setgħux iwasslu jew jistgħux iwasslu għal riżultati komparabbli. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-inizjattiva dwar dan, u għandha tkun appoġġata, jekk ikun meħtieġ, minn parir espert estern.

77. L-EDPS bi pjaċir jinnota lil l-Kummissjoni ħabbret li sejra ssir konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha li huma kkonċernati matul l-evalwazzjoni tal-impatt ([70]). F'dan ir-rigward, l-EDPS iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex issib mezzi biex tinvolvi b'mod dirett liċ-ċittadini f'dan l-eżerċizzju.

78. Ta' min jenfasizza li evalwazzjoni dwar il-ħtieġa u l-analiżi ta' mezzi alternattivi li jinvadu inqas il-privatezza jistgħu jsiru b'mod ġust biss jekk l-għażliet l-oħra għall-futur tad-Direttiva jibqgħu miftuħin. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni jidher li qed teskludi l-possibbiltà li tirrevoka d-Direttiva, jew per se jew b'mod kombinat ma' proposta għal miżura Komunitarja alternattiva li tkun aktar fil-mira. L-EDPS għalhekk jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra b'mod serju dawn l-għażliet fil-valutazzjoni tal-impatt ukoll.

79. Jekk ikun hemm ftehim biss dwar il-ħtieġa għal regoli Komunitarji mill-perspettiva tas-suq intern u l-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji f'reati kriminali u jekk, matul il-valutazzjoni tal-impatt, il-ħtieġa għażżamma tad-dejta, appoġġata u regolata mill-UE, tkun tista' tintwera biżżejjed, li jinkludi kunsiderazzjoni bir-reqqa ta' miżuri alternattivi, tista' tiġi kkunsidrata Direttiva futura dwar iż-Żamma ta' Data.

80. L-EDPS ma jiċħadx il-valur importanti tad-dejta miżmuma għal finijiet ta' infurzar tal-liġi kif ukoll ir-rwol kruċjali li din jista' jkollha f'każijiet speċifiċi. Bħall-Bundesverfassungsgericht tal-Ġermanja, l-EDPS ma jeskludix li obbligu definit tajjeb għaż-żamma tad-dejta tat-telekomunikazzjonijiet jista' jkun ġustifikat taħt ċerti kundizzjonijiet stretti ħafna ([71]).

81. Kwalunkwe strument Komunitarju futur dwar iż-żamma tad-dejta għandu għalhekk jissodisfa r-rekwiżiti bażiċi li ġejjin:

— Dan irid ikun komprensiv u jarmonizza b'mod ġenwin ir-regoli dwar l-obbligu biex tinżamm id-dejta, kif ukoll dwar l-aċċess u l-użu ulterjuri tad-dejta mill-awtoritajiet kompetenti.

— Dan irid ikun eżawrijenti, li jfisser li jkollu għan ċar u preċiż li l-vojt legali li jeżisti fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jingħalaq.

— Dan irid ikun proporzjonat u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ (ara f'dan ir-rigward il-kummenti magħmula fil-Parti IV.2 aktar 'il fuq).

82. Ovvjament, l-EDPS sejjer jistħarreġ bir-reqqa kollha kwalunkwe proposta futura dwar iż-żamma tad-dejta fil-kuntest ta' dawn il-kundizzjonijiet bażiċi.

## VI. KONKLUŻJONI

83. L-EDPS bi pjaċir jinnota li, għalkemm ma kinitx strettament meħtieġa bl-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll fir-rapport ta' Evalwazzjoni l-implikazzjonijiet tad-Direttiva għad-drittijiet fundamentali.

84. Ir-rapport ta' evalwazzjoni juri li d-Direttiva naqset milli tissodisfa l-għan ewlieni tagħha, jiġifieri li tarmonizza l-liġi nazzjonali li tikkonċerna ż-żamma tad-dejta. Dan in-nuqqas ta' armonizzazzjoni huwa ta' detriment għall-partijiet kollha involuti: ċittadini, opertauri tan-negozju kif ukoll l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

85. Abbażi tar-rapport ta' Evalwazzjoni wieħed jikkonkludi li d-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti bid-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta, għar-raġunijiet li ġejjin:

— il-ħtieġa għall-protezzjoni tad-dejta kif previst fid-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta ma ġietx ippruvata biżżejjed;

— iż-żamma tad-dejta setgħet ġiet regolata b'mod li jinvadi inqas il-privatezza;

([67]) Kif ġie diskuss fil-pt. 24 aktar 'il fuq.
([68]) Ara p. 9 u 15 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.
([69]) Ara p. 32-33 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.
([70]) Ara p. 32-33 tar-rapport ta' Evalwazzjoni.
([71]) Ara Bundesverfasssungsgericht, 1 BvR 256/08.

— id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta hija nieqsa mill-prevedibbiltà.

86. L-EDPS jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra b'mod serju l-għażliet kollha fil-valutazzjoni tal-impatt, inkluż il-possibbiltà li tiġi revokata d-Direttiva, jew per se jew b'mod kombinat ma' proposta għal miżura Komunitarja alternattiva li tkun aktar fil-mira.

87. Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data fil-futur tista' tiġi kkunsidrata biss jekk ikun hemm qbil dwar il-ħtieġa għal regoli Komunitarji mill-perspettiva tas-suq intern u l-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji f'każijiet kriminali u jekk, matul il-valutazzjoni tal-impatt, tingħata prova biżżejjed tal-ħtieġa taż-żamma tad-dejta, appoġġata u regolata mill-UE, li tinkludi kunsiderazzjoni bir-reqqa ta' miżuri alternattivi. Tali strument għandu jissodisfa r-rekwiżiti bażiċi li ġejjin:

— Dan irid ikun komprensiv u jarmonizza b'mod ġenwin ir-regoli dwar l-obbligu biex tinżamm id-dejta, kif ukoll dwar l-aċċess u l-użu ulterjuri tad-dejta mill-awtoritajiet kompetenti.

— Dan irid ikun eżawrjenti, li jfisser li jkollu għan ċar u preċiż li l-vojt legali li jeżisti fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jingħalaq.

— Dan irid ikun proporzjonat u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2011.

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*